MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Numru. 256/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Angelo Tanti**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Angelo Tanti detentur tal-karta tal-identita` numru 421161(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-2 ta' Novembru 2009, ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija (11.00 p.m.) f'Xatt ta' San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:
1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hekk kontra PC589 Etienne Grima u PC1578 George Christopher-George Mamo, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

2. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ PC589 Etienne Grima u PC1578 George Christopher-George Mamo, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. Bil-hsieb li jaghmel delitt cioe` minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ittanta jikkommetti ferita` ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ PC589 Etienne Grima u PC1578 George Christopher-Geroge Mamo u wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

4. Saq vettura b’Nru. Ta’ Reg. FAA 159 ta’ ghamla Toyota, b’manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza u (c) bla kont.

5. Talli ghamel uzu minn vettura ghal finijiet ohra barra minn dawk li hi llicenzjata ghalihom il-vettura numru ta’ Reg. FAA 159 tal-ghamla Toyota talli saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu tag ta’ identifikazzjoni mahruga mill-awtorita` ghat-Trasport ta’ Malta;

6. Ghamel uzu minn licenzja ta’ vettura bil-mutur partikolari ohra mahruga fuq vettura numru ta’ Reg. DAB 874 tal-ghamla Ford u wzaha fuq il-vettura numru ta’ Reg. FAA 159 tal-ghamla Toyota;

7. Saq vetttura numru ta’ Reg. FAA 159 tal-ghamla Toyota minghajr ma kienet licenzjata mill-awtorita` ghat-transport ta’ Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda);

8. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi u kif ukoll nhar l-14 ta’ Marzu 2010, ghall-habta tal-ghaxra ta’ filghodu (10.00 a.m.) f’Misrah il-Parrocca, Rabat ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati

minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor biss akkuzat talli ifl-istess data, lok, hin u cirkostanzi;

9. Akkuzat aktar talli fl-14 ta' Marzu 2010, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10.00 a.m) f'Misrah il-Parocca, Rabat u granet ta' qabel u ta' wara ghamel uzu minn vettura numru ta' Reg. DAB874 tal-ghamla Ford minghajr ma kienet licenzjata mill-awtorita` ghat-trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (Licenzja mhux imgedda);

10. Saq vettura numru ta' Reg. DAB874 tal-ghamla Ford meta ma kenitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba li l-akkuzat jigi skalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidhrilha xieraq;

U giet mitluba wkoll li tirtatta mal-akuzzat bhala recediv.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-fedina penali tal-imputat li giet esebita stante l-akkuza tar-recediva;

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih fl-udjenza tad-29 tat- Novembru 2010 fejn din l-ammissjoni giet ikkonfermata fl-udjenza ta' wara u cioe` tal-21 ta' Frar, 2011;

Semghet it-trattazzjonijiet rigward il-piena.

Illi ghal dan il-ghan, u wara li rat l-Artikoli 95, 96, 216 u 338(ee) tal-Kap. 9 u l-Artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u MVR Reg. 31 qeghda issib lill-imputat Angelo Tanti hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, u

tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija ghall-akkuzi numru wiehed, tnejn u tlieta u tmienja kif dedotti kontrih filwaqt li tikkundannah multa ta' hamest elef Ewro (€5,000) ghall-akkuzi numru erbgha, hamsa, sitta, sebgha disgha u ghaxra kif dedotti kontrih flimkien ma' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' sena dekorribbli min-nofs il-lejl ta' ghada.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------